2) *Ir-Repubblika Portugiża hija kundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 170, 21.7.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-8 ta' Mejju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju**

**(Kawża C-392/07)** (1)

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2005/19/KE — Sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal mergers, diviżjonijiet, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)***

(2008/C 158/11)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: R. Lyal, aġent)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentant: D. Haven, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2005/19/KE, tas-17 ta' Frar 2005, li temenda d-Direttiva 90/434/KEE dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal mergers, diviżjonijiet, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti (ĠU L 58, p. 19)

**Dispożittiv**

1) *Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2005/19/KE, tas-17 ta' Frar 2005, li temenda d-Direttiva 90/434/KEE dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni li tapplika għall-inkorporazzjonijiet, id-diviżjonijiet, it-trasferimenti ta' l-attivi u l-iskambji ta' l-ishma li jirrigwardaw il-kumpanniji ta' Stati Membri differenti, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.*

2) *Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 235, 6.10.2007.

**Appell ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2008, minn Portela & Companhia, SA, mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tal-11 ta' Diċembru 2007 fil-Kawża T-10/06, Portela & Companhia, SA vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinni) (UASI)**

**(Kawża C-108/08 P)**

(2008/C 158/12)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Portela & Companhia, SA (rappreżentant: J. Conceição Pimenta, avukat)

*Partijiet oħra fil-kawża:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinni) (UASI), Juan Torrens Cuadrado u Josep Gilbert Sanz

Permezz ta' digriet tat-22 ta' April 2008, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja.

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika ta' l-Awstrija**

**(Kawża C-110/08)**

(2008/C 158/13)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: T. Scharf u D. Recchia, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika ta' l-Awstrija